MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Numru 536/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**RYAN FENECH**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-akkuzat Ryan Fenech, bin Anthony u Mary Rose nee' Borg,

imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Lulju 1985 u joqghod 74, Triq San Gorg, Qormi li ghandu karta tal-identita’ numru 379085 M;

Talli fl-10 ta’ April 2002, ghall-habta tas-7.30 am, f’Mill Bar, Triq Leli Falzon, Naxxar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Godwin Gatt f’periklu ciar ikkagunajtlu feriti ta’ natura gravi fuq l-imsemmija persuna skond kif iccertifikat Dr. V. Ciantar MD, tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Wara illi rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 17©, 383, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumenti ezebiti, din il-Qorti qeghda ssib lill-istess Ryan Fenech hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u qeghda tilliberah inkondizzjonalment, a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------